# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' April 2000**

**Numru 56**

**Citaz. numru 1152/91 DS**

Joseph Borg u Delfo Coveri fil-kwalita` taghhom ta''Diretturi tas-socjeta` Mdina Mushroom Growers Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess kif debitament awtorizzat
vs
Direttur tax-Xoghlijiet,
Kummissarju tal-Artijiet, u
Onor. Michael Falzon, Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura

Illum, 14 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Novembru 1991 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi l-atturi nomine jikru minghand il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet it-tunnel taht l-Imdina limiti tar-Rabat biex ikabbru l-faqqiegh.

Illi fil-vicinanzi ta' din it-tunnel ossija direttament fuq it-tunnel jghaddu komunikazzjoni ta' drenagg pubbliku.

Illi f'Awissu 1989 kien hemm hsarat fis-sistema tad-drenagg sovrastanti l-imsemmija tunnel, b'tort u negligenza tal-konvenuti.

Illi dawn il-hsarat ikkawzaw perkolazzjoni ta' ilma mahmug li jikkontamina l-materjal ta' produzzjoni ta' faqqiegh fit-tunnel sottostanti.

Illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-atturi nomine.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti pero' baqghu inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara w tiddeciedi lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-atturi nomine.

2. tillikwida l-fuq imsemmija danni w hsarat jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu dik is-somma hekk likwidata lill-atturi nomine.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 1991 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Preliminarjament il-Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante s-sistema tad-drenagg u l-manutenzjoni tal-istess hi responsabbilta' tad-Direttur tax-Xogholijiet u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi l-Kummissarju tal-Artijiet kera l-istess Tunnel taht l-Imdina bil-kondizzjoni li l-atturi a spejjez taghhom huma obbligati li jzommu t-Tunnel fi stat tajjeb ta' tiswijiet u ghaldaqstant ma jistax jinzamm responsabbli ghal ebda hsarat fil-post u danni rizultanti;

3. Illi oltre dan, l-istess atturi qed jallegaw id-danni minhabba hsarat fil-kanen tad-drenagg u ghaldaqstant qed jammettu li l-Kummissarju tal-Artijiet ma hux responsabbli stante li certament m'ghandux x'jaqsam mal-hsarat fl-istess kanna;

4. Illi d-Direttur tax-Xogholijiet ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsarat u danni konsegwenzjali stante illi:

A. L-istess atturi assumew riskju meta krew it-Tunnel u dan stante li kienu jafu li fuqhom ghaddejjin il-kanen tad-drenagg u il-klawsola

tal-kirja li jzomm it-Tunnel fi stat tajjeb, tirrikjedi f'dan il-kaz zamma tajba ta' water proofing.

B. Id-Direttur tax-Xogholijet ghamel dak kollu rikjest mill-ligi, inkluz tiswijiet immedjati fl-istess kanen meta kien hemm bzonn.

5. Illi oltre l-istess attur ghandu jipprova b'liema tort jew negligenza tal-konvenuti graw il-hsarat fil-kanen sovrastanti;

6. Illi l-istess atturi ghandhom jipprovaw x'danni effettivament sofrew.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Mejju 1992 fejn gie nominat l-A.I.C. Rene` Buttigieg bhala perit tekniku bl-assistenza ta’ Dr. Marco Griscti bhala perit legali;

Rat ir-relazzjonijiet minnhom mahlufa fit-2 ta’ Dicembru 1996;

Rat in-nota ta’ l-atturi nomine tas-6 ta’ Dicembru 1996 li permezz taghha giet mitluba n-nomina ta’ periti addizzjonali;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Frar 1997 li permezz tieghu gew nominati Dr. Richard Galea Debono u l-komputista Albert Vella bhala periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fl-1 ta’ Lulju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-atturi nomine kienu krew minghand il-Kummissarju tal-Artijiet tunnel li jinsab taht l-Mdina sabiex hemm ikabbru l-faqqiegh. F’Awissu 1989 beda jipperkola drenagg minn komunikazzjoni sovrastanti tad-drenagg pubbliku u li minhabba f’hekk ma setghetx titkompla l-produzzjoni sakemm saru t-tiswijiet mehtiega. Konsegwentement l-atturi nomine sofrew danni.

Mill-indagini li ghamel il-perit tekniku, wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

(1) Is-socjeta` attrici ma kkontribwixxietx ghall-perkolazzjoni ta' likwidu mis-sistema tad-drenagg.
(2) Gie ppruvat li l-likwidu kien drenagg provenjenti mis-sistema sovrastanti t-tunnel li hi sistema ta' drenagg pubbliku.
(3) Id-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici igorr ir-responsabbilta` finali stante illi huwa obbligat ihares il-manutenzjoni tas-sistema u li din tkun tiffunzjona minghajr ma tikkreja danni lit-terzi.
(4) Il-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jkun ezonerat minn kwalunkwe responsabbilta`.
(5) Is-socjeta` attrici ma naqsitx milli zzomm t-tunnel fi stat tajjeb.
(6) Is-socjeta` attrici ma setghetx tkompli topera ghal xi zmien wara l-incident.

Il-perit legali wkoll ikkonkluda li r-responsabbilta` ghall-hsara hi *prima facie* tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet in vista tal-fatt li huwa l-proprjetarju tas-sistema tad-drenagg u rrizulta li l-likwidu kien qed jipperkola minn din is-sistema. In effetti dak id-Dipartiment huwa obbligat li jhares u jzomm fi stat tajjeb is-sistema tad-drenagg u matul il-kors ta' dawn il-proceduri ma gab l-ebda prova li l-hsarat graw minghajr ebda htija tieghu jew b'rizultat ta' *force majeure*. Ghad-danni konsegwenzjali ghalhekk ghandu jirrispondi l-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet.

Fl-eccezzjonijiet relattivi qed jinghad inoltre li d-Direttur tax-Xoghlijiet m'ghandux jinzamm responsabbli peress li meta l-atturi nomine krew it-tunnel assumew riskju ghax kienu jafu li fuqhom ghaddejjin l-kanen tad-drenagg. Din l-eccezzjoni hija spropozitu legali. L-atturi nomine kellhom dritt li jippretendu u d-Dipartiment tax-Xoghlijiet l-obbligu li l-istess Dipartiment jiehu hsieb is-sistema tad-drenagg biex jassigura li ma jizviluppawx hsarat u jekk jizviluppaw allura jsir minn kollox biex it-tiswija necessarja ssir fl-iqsar zmien possibbli biex jigu minimizzati d-danni. Kif irrileva l-perit tekniku d-Dipartiment kien karenti fiz-zewg cirkostanzi.

Gie eccepit ukoll li l-klawzola tal-kirja li l-atturi nomine ghandhom izommu t-tunnel fi stat tajjeb tirrikjedi f'dan il-kaz zamma tajba ta' *water proofing*. Hawn ukoll il-Qorti taqbel ma' l-ewwel perit legali li ma hemm l-ebda fondament legali. Difatti l-perit tekniku stess ikkonkluda li l-atturi nomine ma naqsux milli jzommu t-tunnel fi stat tajjeb. Barra min hekk ma kienx il-kompitu taghhom li jipprevedu li se jkun hemm hsara fis-sistema tad-drenagg, jipprevedu kemm se tkun kbira l-hsara u tilqa'

ghalih bil-*water proofing*. Kien id-dmir ta' sid is-sistema li jilqa' ghall-hsara li tista' tizviluppa.

Ghalhekk il-Qorti hija ta' l-istess fehma li l-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet huwa responsabbli ghall-hsara kagjonata lill-atturi nomine. Inoltre l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li r-responsabbilta` ghas-sistema tad-drenagg mhijiex tieghu bhalma lanqas hi tal-Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura (li ma ssemma fl-ebda istanza tul il-proceduri, lanqas mill-periti) u ghandu wkoll jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Jibqa' ghalhekk biex jigu likwidati d-danni dovuti.

L-ewwel perit legali Dr. Marco Griscti llikwida d-danni konsistenti fit-telf nett ta' qliegh ghal perijodu ta' ghaxar xhur fl-ammont ta' Lm3745.51. Ma llikwida xejn mid-danni materjali pretizi mill-atturi nomine stante li ma tresqux provi in sostenn taghhom.

Il-periti gudizzjarji addizzjonali ghamlu s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-perijodu ta' zmien li ghalih kienet maghluqa l-fabbrika u d-danni likwidati:

"KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PERIJODU TA' ZMIEN LI GHALIH KIENET MAGHLUQA L-FABBRIKA TAS-SOCJETA ATTRICI

12) Il-parti operattiva tar-rapport ta' Dottor Grixti fuq din il-materja hija mill-paragrafi 18 sa 23. F'din il-parti Dottor Grixti jghid illi "mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha tieqaf mill-produzzjoni f'Awissu 1989 u baqghet wieqfa sa Mejju tal-1990. Jirrizulta li f'dak iz-zmien (Mejju 1990) s-socjeta' attrici setghet terga tibda topera, stante li mill-ittra tal-attur nomine stess (Dok. JB3) tal-4 ta' Mejju 1990, intqal dan:- <u>The situation is back to normal </u>".

13) "L-attur nomine pero' jixhed li qabel ma setghu jergghu jibdew il-produzjoni, huma riedu certifikat tad-Dipartiment tas-Sahha li kien kollox sew u li dan ic-certifikat qatt ma nghatalhom," Dottor Grixti hu tal-fehma li n-nuqqas ta' hrug ta' certifikat mid-Dipartiment tas-Sahha ma kienitx xi haga li ghaliha seta' jwiegeb id-Direttu tax-Xogholijiet, u ghalhekk id-danni ma setghax jehilhom hu.

14) L-esponenti ma jaqblux ma' din il-fehma. jekk wiehed jaqra sew l-ittra "Dok. JB3", jintebah li din ma tghidx li *"The situation is back to normal"*, IZDA *"The situation is <u>almost</u>* (sottolinear tal-esponent)

*back to normal"*. Kwindi l-ittra per se mhix prova li l-iskulpar tad-drenagg kien waqaf ghal kollox. Fit-tieni lok, tenut kont illi s-socjeta' attrici kienet responsabbli ghas-sahha tal-haddiema taghha, u tenut kont forsi anki aktar, li kienet qeghda tipproduci prodott kommestibili, din wriet prudenza fit-tmexxija tan-negozju taghha li mhux talli ma tistax tqisha bhala xi haga zejda, imma trid tirrispettaha. Da zgur li l-attur nomine nsista li jkollu l-barka tal-Awtorita' Sanitarja qabel ma jipprocedi bil-produczzjoni. Da zgur li d-Direttur tax-Xogholijiet ipprokura s-sitwazzjoni bin-nuqqas ta' hila tieghu, fejn inholoq perikolu ghas-sahha, dan biex jirrimedja, ma jirdx biss isewwi l-katusi. Irid iqieghed is-sitwazzjoni ghal li kienet qabel. Ghalhekk kien id-Direttur li kellu jithabat, biex il-kollega tieghu, t-Tabib Principali tal-Gvern, jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega, u jirrilaxxa, jekk kien il-kaz, certifikat li wiehed seta' jibda jahdem minghajr perikolu ghas-sahha.

15) Jekk l-Awtorita' Sanitarja naqset milli twettaq id-doveri taghha, d-Direttur tax-Xogholijiet kellu l-mezzi amministrattivi biex jaghmel pressjoni sabiex dan ic-certifikat jinhareg. Il-fatt li Dipartiment tal-Gvern ma jikkooperax ma Dipartiment iehor ma jistax jithalla bhala skuza f'kaz bhal dan. Jekk id-Direttur tax-Xogholijiet kellu jiddependi minn haddiehor sabiex jissana problema kkawzata minnu, u dan il-haddiehor ma rrangajiex tempestivament, irid bilfors ikun id-Direttur tax-Xogholijiet li jassumi r-riskju ta' dan id-dewmien, ghaliex kien HU l-awtur tal-problema.

16) Dottor Grixti qal li meta f'Ottubru 1990 ic-certifikat kien ghadu ma giex, is-socjeta' attrici kienet hadet ir-riskju li terga tibda topera. Izda skond hi rega' beda jiskula d-drenagg. Dottor Grixti qal li din l-allegazzjoni ma gietx pruvata.

L-esponenti wara li qraw ix-xiehda ta' Noel Portelli (P. 23, 24 tax-xiehda dattelografata migbura mill-AIC Buttigieg), moghtija fid-9 ta' Gunju 1993, kif ukoll l-ittra "Dok NP3" esebita dakinhar mill-istess xhud, isibu li hemm prova netta, minn xhud certament mhux affjatat mas-socjeta' attrici, li almenu sat-12 ta' Novembru 1991 kien ghad hemm skular ta' drenagg.

17) Il-Foreman Anthony Grech fix-xiehda tieghu tat-23 ta' Settembru 1992, kif korretta mix-xiehda tieghu tat-2 ta' Dicembru 1992, stqarr li sa April 1991, baqa' jircevi rapporti ta' perkolazzjoni ta' drenagg.

18) Ghalhekk l-esponenti jidrilhom li l-perijodu rilevanti ghall-kalkolu tad-danni huwa April 1989 sa Novembru 1991, cioe' 27 xahar, u mhux 10 xhur.

iv) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR DANNI

19) L-esponenti ghamlu dawn il-konstatazzjonijiet u kalkoli. L-ewwel haga hi li ghal fini ta' *lucrum cessans*, u dak li jrid jittiehed in konsiderazzjoni huwa il-*gross profit* u mhux in-*net profit* ta' azjenda. Hu dan li jiddetermina t-telf ta' dhul li jikkomprendi l-kontribut ghall-ispejjez fissi ta' kull azjenda, u kull telf ta' qliegh. Issa minn ezami tad-"Dokumenti SW7, SW8 u SW9" jidher li c-cifri ta' *gross profit* ghas-snin qabel l-incident, kienu dawn:

Sena Finanzjarja

| | | |
|---|---|---|
| li taghlaq | 31 ta' Marzu 1986 | hu Lm 1,578 |
| | 31 ta' Marzu 1987 | hu Lm 0 |
| | 31 ta' Marzu 1988 | hu Lm17,169 |
| | 31 ta' Marzu 1989 | hu Lm19,811 |
| | **Total** | **hu Lm38,558** |

Jekk wiehed jahdem fuq medja ta' din ic-cifra u japplikaha ghaz-zmien ta' l-gheluq li beda f'Awissu 1999 il-kalkolu huwa:

Lm 38,558 maqsuma f'4 jigi Lm9,639 li hija l-medja ta' *gross profit* ghal 12 il-xahar, fis-snin qabel l-incident.

Imbaghad: Lm 9639 maqsum fi 12 u multiplikat b'27 jigi Lm21,688 hija c-cifra ta' *gross profit* li tilfet is-socjeta attrici minn Awissu 1989 sa Novembru 1991.

-Riportat- Lm21,688.

20) L-esponenti pero' jemmnu ukoll li meta kumpanija taghlaq ghal perijodu simili, din issofri telf ta' *goodwill* ghaliex titlef postha fuq is-suq. Huwa gust li jigi likwidat ammont ta' *goodwill* mitlub a favur is-socjeta attrici. Billi l-*goodwill* jirrapresenta *projection* ta' qliegh futur, dan is-soltu jigi kkalkolat bhala bazi fuq il-medja tal-qliegh nett ghal hames snin, multiplikat ghal sentejn.

Billi ma kienx hemm *sales* fl-1987 u billi s-*sales* tal-1991 kienu ta' produzzjoni antika u ma kien hemm ebda *sales* fl-1992, il-*goodwill* se jigi kkalkolat fuq *weighted average* tal-andament tal-unici sentejn fejn il-kumpanija kienet kompletament operattiva u cioe' is-snin 1988 u 1989.

| **Sena** | **Profitt** | **Weight** | **Weighted Profits** |
|---|---|---|---|
| 1988 | Lm7,315 | 1 | Lm 7,315 |
| 1989 | Lm8,987 | 2 | Lm17,974 |
| | | **3** | **Lm25,289** |

li divizi bil-wieghting base ta' 3 jgib Lm8,429 bhala goodwill tas-socjeta f'dak il-perijodu.

l-esponenti pero' m'humiex tal-fehma li dan il-*goodwill* jista' jigi kollu likwidat lis-socjeta' attrici, din avolja fil-fatt ghalqet, m'ghamlitx hekk minhabba l-incident mertu tal-kawza, izda minhabba numru ta' fatturi ndipendenti.

L-esponenti ghalhekk iridu jaghmlu kolkolu arbitrio *boni viri* (billi ma jezistix metodu xjentifiku) ta' x'kien ikun it-telf ta' goodwill, li kieku, wara s-27 xahar ta' gheluq, is-socjeta attrici regghet bdiet topera b'mod normali.

Fghalhekk tenut kont li s-socjeta' attrici kienet topera biss mill-1986 u wara tliet snin din giet kostretta taghlaq ghal aktar minn sentejn, huwa gust u ekwu li wiehed jghid li din nozzjonalment tilfet parti sostanzjali minn dak il-*goodwill*.  Pero' l-esponenti jridu jittemperaw din il-konsiderazzjoni, bil-konsiderazzjoni l-ohra li s-socjeta gja' qeghda tigi kkumpensata ghat-telf ta' qliegh.  Ghalhekk l-esponenti jissottomettu li *arbitrio boni viri* ghandhom jillikwidaw terz tas-somma ta' Lm8,429 u ghalhekk qeghdin jillikwidaw is-somma ta' Lm2,810.

| | | |
|---|---|---|
| Ghalhekk | Riportat | Lm21,688 |
| | Riportat | Lm 2,810 |
| | | **Lm24,498** |

v) KONKLUZJONI

21) L-esponenti ghalhekk jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dottor Marco Grixti, hlief ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' likwidazzjoni ta' danni. F'dan ir-rigward ghalhekk l-esponenti jisottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Direttur tax-Xogholijiet u tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm24, 498)

Salv dak li ser jintqal, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-periti gudizzjarji addizzjonali.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi nomine jissottomettu li l-periti addizzjonali jmisshom ikkalkulaw it-telf ta' qliegh fuq perijodu ta' 28 xahar u mhux 27 xahar, u li l-*goodwill* kellu jigi kalkolat fl-ammont ta' Lm16,858 u mhux Lm2810.

Dwar il-perijodu relattiv, il-Qorti taqbel mal-periti gudizzjarji li dan ghandu jkun ta' 27 xahar. Fil-fatt ghalkemm mill-provi rrizulta li d-drenagg beda jipperkola f'Awissu 1989, ma gietx indikata l-gurnata u inoltre c-citazzjoni giet ipprezentata fit-8 ta' Novembru 1991. Ghalhekk it-terminu ta' 27 xahar huwa korrett ghax ix-xahar ta' Novembru fi kwalunkwe kaz ma jistax jitiehed bhala xahar shih.

Dwar l-ammont ta' *goodwill* il-Qorti taqbel mal-periti addizzjonali li ghar-ragunijiet minnhom moghtija dan ma jistax jigi likwidat fl-intier tieghu izda hi tal-fehma li ghandu jigi kalkolat billi l-figura ta' Lm8,429 li l-periti addizzjonali hadu bhala *goodwill* ghandha tittiehed bhala l-*averri ma spjeg*a ghal liema termini qieghed jirreferi u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

hekk id-danni qed jigu likwidati globalment fis-somma ta'

Lm21,688 + Lm5,619 = Lm27,307.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tillibera lill-konvenut Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet, u

(1) tiddikjara lill-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur nomine,
(2) tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm27,307,
(3) tikkundanna lill-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet ihallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata ta' Lm27,307 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR